MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## Magistrat Francesco Depasquale

LL.D. LL.M. (IMLI)

Rikors Numru 1575/2016/1

**Fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament Nru 1575/16**
**Fl-ismijet**

**Mattew Gambin ID Nru. 54933M, Saviour Camilleri ID Nru. 197656M, Mary Attard ID Nru. 597357M, Carmelo Camilleri ID Nru. 79659M, Mary Dolores Cutajar ID Nru. 637663M, Salvatore Camilleri ID Nru. 1005749M, Mary Rapinett ID Nru. 431051M, Josephine Farrugia ID Nru.616453M, Paul Camilleri ID Nru. 214457M, Nicholas Camilleri ID Nru. 84664M, Michael Camilleri ID Nru. 29968M, Joseph Bonello ID Nru. 128354M u Mary Degiorgio ID Nru. 324558M, l-ahhar tnejn werrieta tad-decuius Concetta Bonello ID Nru. 6517M.**

**Vs**

**Nicholas Bezzina ID Nru. 6867M.**

Illum 1 ta' Frar 2017

Il-Bord,

Ra ir-rikors promoter ta' Nicholas Bezzina, ippresentat fl-14 ta' Novembru 2016 illi kien jghid is-segwenti:

> Illi dan ir-rikors qed jigi pprezentat a tenur tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet Malta minghajr ebda pregudizzju ghad-dritijiet ta' kwalsiasi terzi persuni ohra interessati.

Illi, permezz tal-prezenti rikors l-esponent qieghed jitlob lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jhassar il-mandat ta' zgumbrament mahrug fil-konfront tieghu li jgib in-numru 1575/16 u dan ghas-segwenti ragunijiet-

1. fl-ewwel lok l-imsemmi mandat ta' zgumbrament gie mitlub u ottenut minn persuni illi ma kinux parti fil-kawza tant illi isimhom lanqas biss jirraffigura fl-okkju tas-sentenza Appell Civili 7/2006, u senjatament ir- rikorrenti ezekutanti Joseph Bonello (ID 128354M) u Mary Degiorgio (ID 324558M);

2. fit-tieni lok ir-rikorrenti ezekutanti naqsu milli jaghtu prova sodisfacenti tat-titolu ezekuttiv minnhom vantat ghaliex mar-rikors ghall-hrug tal- imsemmi mandat ta' zgumbrament naqsu milli jipprezentaw kopja legali tas-sentenza li fuqha qeghdin jivvantaw it-titolu ezekuttiv taghhom; u

3. fit-tielet lok jidher li ghalkemm ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni gie pprezentat fil-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba', I- imsemmi rikors gie degretat minn Bord divers, u cioe' mill-Bord li Jirregola l-Kera kif jirrizulta mit-tielet faccata tal-att gudizzjarju in kwistjoni fejn hemm it-timbru "Bord li Jirregola l-Kera - Dr. Josette Demicoli LL.D., Magistrat".

Illi, ghar-ragunijiet fuq imfissra, l-esponent umilment jissottometti illi l-Mandat ta’ Zgumbrament Numru 1575/16 huwa null u bla ebda effett.

Ghal dawn il-motivi, l-esponent jitlob umilment lil dain l-Onorabbli Bord joghgbu:

1. jissospendi immedjatament l-effetti u Zgumbrament Numru - ezekuzzjoni tal-Mandat ta' 1575/16 u jordna illi tali sospensjoni tigi immedjatament kommunikata lill-marixxall tal-Qorti inkarigat minn tali ezekuzzjoni;
2. jappunta dan ir-rikors ghas-smiegh kif previst fl-artikolu 281(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu li tkun opportuna, jiddikjara illi l-Mandat ta' Zgumbrament Numru 1575/16 huwa null u bla ebda effett, ghar-ragunijiet fuq imfissra;
4. u ihassar l-imsemmi att ezekuttiv u cioe' l-Mandat ta' Zgumbrament Numru 1575/16.

Ra illi fis 17 ta' Novembru 2016 il-Bord appuntah ghat-trattazzjoni finali ghat 30 ta' Novembru 2016.

Ra illi fit 30 ta' Novembru 2016, l-intimati Matthew Gambin et talbu illi jaghmlu risposta

Ra illi fil 15 ta' Dicembru 2016 ra illi l-intimat Matthew Gambin et ippresentaw risposta fejn qalu s-segwenti:

> Illi dina hija r-risposta ghar-rikors datat 14 ta' Novembru 2016 ippresentat mill-ezekutat permezz t' liema l-istess ezekutat talab li dana l-Onorabbli Bord, inter alia, jiddikjara l-mandat ta' zgumbrament odjern bhala null u bla effett ghar-ragunijiet hemmhekk imfissra.
>
> Illi l-ezekutat jilmenta li l-mandat odjern huwa null u bla ebda effett u dan ghat-tlett ragunijiet li ser jigu trattati mill-esponenti fl-ordni imressqin mill- lstess ezekutat fir-rikors tieghu mill-esponenti.
>
> Illi, fl-ewwel lok l-ezekutat jilmenta illi l-mandat gie ottjenut minn persuni li ma kenux parti fil-kawza u dana referibilment ghal Joseph Bonello u Mary Degiorgio. Madanakollu **<u>kif diga* jirrizulta car mill-istess mandat dawn iz-zewg ezekutanti huma eredi ta' Concetta Bonello li effettivament kienet parti fil-kawza</u>** u kwindi l-istess Bonello u Degiorgio ghandhom kull interess u dritt illi jitolbu u jottjenu l-ezekuzzjoni odjerna in kwantu eredi tal-istess attrici Concetta Bonello. Fi kwalunkwe kaz skont kazistika kostanti din hija kwistjoni tista' tigi sollevata biss mill-eredi Concetta Bonello mhux minn terzi. Aktar minn hekk huwa car li l-mandat huwa validu sakemm jimgwardja lill-bqija tal-ezekutanti u kwindi dan l-aggravju ma jista' jgib ebda nullita' tal-mandat.
>
> Illi, fit-tieni lok, l-ezekutant jilmenta illi l-esponenti naqsu milli jesebixxu kopja legali tas-sentenza li fuqha qieghdin jibbazaw it-titolu taghhom. L-ezekutant stess jonqos milli jindika minn liema disposizzjoni tal-Ligi tohrog tali nullita' u dan proprju ghaliex huwa car li m'hemm ebda disposizzjoni li effettivament tehtieg dan. Il-kopja tas-sentenza annessa mal-mandat hija dik li tinsab regolarment pubblikata skont il-ligi moghtija fil-konfront tal-istess ezekutat u kwindixejn ma josta li ssehh l-ezekuzzjoni mitlba a bazi tal-istess.
>
> Illi, fit-tielet lok, l-ezekutat jilmenta li l-mandat gie dekretat mill-Bord li Jirregola l-Kera ghalkemm dan gie prezentat korrettement quddiem il-Bord odjern. L-ezekutat jirreferi ghat-timbru li jipprovdi "Bord li Jirregola l-Kera - Dr Josette Demicoli LL.D. Magistrat". Appart li huwa car li dan kien biss lapsus calami li ma jirreka ebda pregudizzju lill-ezekutant u li fi kwalumke kaz, taht ebda disposizzjoni tal-Ligi ma jwassal ghan-nullita' tal-mandat sakemm jigi debitament rettifikat huwa daqstant iehor car li l-mandat gie effettivament milqugh minn dan il-Bord kif presjedut permezz tat-timbu li jirrizulta fuq il-

faccata tal-istess mandat regolarment iffirmat mill Onor Mag Dr Francesco Depasquale (Il-Bord kif presentement kostitwit). Ghaldaqstant anke din ir-raguni, gialadarba infondata fil-fatt u fid-dritt, ma tistax twassal ghan-nullita tal-mandat.

Illi b'zieda mas-surreferit 1-esponenti jixtieq ulterjorment jirrileva illi jekk hemm xi nulhta' x'tigi sancita din tiskaturixxi proprju mir-rikors tal-intimat ezekutant illi 'ex admissis' jmsab prezentat a tenur tal-a.art. 281 tal-Kap. 12 tal- Ligijiet ta' Malta u li huwa referibbli ghall-mandat ta' zgumbrament illi sar fil- konfront tal-istess ezekutant wara d-decizjonijiet ta' dan 1-Onorabbli Bord kif diversament presjedut u d-decizjoni tal-Onor. Qorti tal-Appell annessa mal l-istess mandat. Huwa kwindi car li 1-mandat odjern huwa wiehed ezekuttiv u li r-nkors odjern huwa intiz illi ihassar 1-effettivita' tal-istess mandat.

Illi, ghaldaqstant, huwa applikabbli dak li jinsab provdut a tenur ttal-Art 276 tal-Kap 12 u cioe li

Hadd ma jista jaghmel opposizzjoni ghall-esekuzzjoni ta’ Mandat hlief wara li tkun saret l-ezekuzzjoni.

Illi huwa daqstant iehor car li f dan 1-istadju il-mandat ta' zgumbrament ghadu ezegwit u kwindi ma tista' ssir ebda opposizzjoni ghall-istess f dan 1-istadju.

Illi ghaldaqstant ghar-raginijiet kollha moghtija hawn fuq u kif ukoll in vista tal-fatt li t-talbiet odjerni huma intempestivi a tenur tal-Art 276 tal-Kap 12, l-esponenti huma tal-umili fehma li dan l-Onorabbli Bord ghandu jichad t-talbiet kollha tal-ezekutat bl-ispejjez ta' din il-procedura ukoll kontra 1-istess ezekutat.

Ghaldaqstant 1-esponenti jitolbu illi dan 1-Onorabbli Bord ghandu jirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tieghu datat 17 ta' Novembru, 2016 permezz ta' liema issospenda 1-ezekuzzjoni tal-mandat u jichad it-talbiet kollha tal-ezekutat kif dedotti permezz tar-nkors tieghu datat 14 ta' Novembru, 2016 bl-ispejjez ta' dill il-procedura ukoll kontra 1-istess ezekutat.

Ra illi fil 11 ta’ Jannar 2017 il-partiiet qabblu illi l-kawza setghet tithalla ghal digriet abbazi tad-dokumentazzjoni esebita.

**Ikkunsidra**

Il-Bord josserva illi l-Mandat odjerna ma huwa xejn aktar minn attentant pwerili biex jitwaqqqaf process gudizzjarju illi ghaddha mill-istadji kollu tieghu, fejn mhux biss il-kawza giet deciza mill-Bord fl-ewwel istanza fil 31 ta’ Mejju 2012, izda wkoll giet deciza mill-Qorti tal-Appell fit 18 ta’ Mejju 2016.

Dwar l-ewwel raguni ghall-hrug tal-Mandat, il-Bord josserva illi l-partijiet kollha imsemmija fil-Mandat huwa attwalment kollha partijiet fil-kawza, salv Joseph Bonello u Mary Degiorgio illi huwa eredi ta' Concetta Bonello u li dahlu fil-posizzjoni taghhom hekk kif mietet ommhom, u ghalhekk ma jista jkun hemm ebda dubju dwar il-locus standi taghhom.

Dwar it-tieni raguni, il-Bord josserva illi kull ma hemm bzonn ghall-ezekuzzjoni tal-Mandat huwa Titolu Ezekuttiv, liema titolu gie ottjenut mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fit 18 ta' Mejju 2016, u ma hemm bzonn ta' ebda kopja legali jew mhux legali li tigi annessa mal-Mandat sabiex dana jinhareg legalment.

Finalment, dwar it-tielet raguni, tali skuza tirrazenta d-dispreggjattiv, peress illi ampjament ovvju illi l-Mandat inhareg minn dana il-Bord, kif ppresjedut u kwalsiasi timbru illi setgha tqieghed mir-registru gie debitament eliminat.

**Konkluzjoni**

Il-Bord, wara ili ghamel il-konsiderazzjonijet tieghu kif fuq spjegati, filwaqt li

**Jirrevoka** *contrario imperio* d-dirgiet tieghu tas 17 ta' Novembru 2016 fejn issospenda l-ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Zgumbrament 1575/16, qieghed

**Jichad** t-talbiet kollha tar-rikorrent Nicholas Bezzina u qieghed, ghall finijiet kollha tal-ligi,

**Jiddikjara** il-Mandat ta' Zgumbrament 1575/16 ezegwibbli minnufih.

L-ispejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti Nicholas Bezzina u, in vista tal-fatt illi tali proceduri kienu caramaent fiergha u vessagorji intizi unikament sabiex itawwlu l-proceduri minghajr bzonn, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 10(1) tat-Tariffa A tal-Kap 12, il-Bord qieghed jordna lir-rikorrent Nicholas Bezzina jhallas spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qorti fil-valur ta' seba mija u hamsin Euro (€750)

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja -** Deputat Registratur